# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 412/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Emerson Delia**

iben Michael, imwieled Pieta', fil-31 ta' Jannar, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 98594(M)

Illum, 18 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emerson Delia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar s-26 ta' Settembru 2011 ghal habta tas-2.30pm fi Triq il-Maghsar, Gudja:

1. Saq vettura tal-marka 'Mercedes Benz', b'numru tar-registrazzjoni barranin minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat- Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex jsuq l-imsemmija vettura;

2. Saq l-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni M40 MMC minghajr ma kien kopert b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. Saq l-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni M40 MMC minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-traspoprt f'Malta biex tintuza fit-triq;

4. Kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabilta tieghu l-imsemmija vettura tal-marka 'Mercedes Benz', bin-numru tar-registrazzjoni M40 MMC minghajr ma kienet giet registrata ma' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;

5. Fl-istess data, hin u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija minn PC 280 J. Muscat, persuna nkarigata skont l-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Mlata, l-artikolu 3 L.S.368.02 u l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-ammissjoni tal-imputat, sabitu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2400) pagabbli fuq medda ta' sentejn u isospenditlu il-licenzja ghal-zmien sena (tnax il-xahar).

Rat ir-rikors tal-appellant Emerson Delia tas-17 ta' Settembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi l-piena gusta, ekwa w skont l-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellanti cioe':-

1. Illi jirrizulta ampjament pruvat mill-atti tal-kawza kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza dwar l-piena, illi l-esponent kien minorenni taht it-tmintax l-sena dak in-nhar li huwa wettaq ir-reat.
2. Illi skont artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-hati jkun ghalaq erbghatax l-sena izda mhux it-tmintax l-sena, l-piena applikabbli ghar-reat ghandha tkun mnaqqsa bi grad jew tnejn.
3. Illi bir-rispett kollu l-ewwel Qorti injorat ghal kollox dak illi jipprovdi u jimponi tassattaivament l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 f'kaz illi l-hati jkun minorenni dak in-nhar tar-reat, u applikat l-piena bla tnaqqis u kontra dak illi jipprovdi l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-meritu ta' dan l-appell jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti njorat il-fatt li l-appellant fiz-zmien li saru r-reati kien ghadu minorenni. Jigifieri ma applikatx id-dettami ta' l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jimponi li l-piena ghandha titnaqqas mill-Qorti minn grad jew tnejn.

Illi mill-qari tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma jirrizultax li hi applikat id-dettami tal-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fl-erogazzjoni tal-piena. In osservanza ta' dan l-artikolu din il-Qorti ser tnaqqas il-piena bi grad. Konsegwenza ta' dan, din il-Qorti ser thassar il-multa nflitta u minflok timponi l-piena tal-kontravenzjoni.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni, din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza fil-meritu. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' €2,400 u minflok tikkundanna lil Emerson Delia ghal hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23). Dwar is-sospensjoni tal-licenzja din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandha tapplika ebda skwalifika u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena u minflok tehles lill-appellant minn tali skwalifika.